MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2005

Avviz Numru. 1286/1999/1

**Middle Sea Insurance plc, kif surrogata fid-drittijiet ta’ Paulette Psaila u l-istess Paulette Psaila**

**Vs**

**Lawrence Fabri**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici nomine et talbu sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ Lm305.68,0 u lil Paulette Psaila s-somma ta’ Lm55 - it-tnejn bhala danni mill-konvenut kagunati f’incident stradali li gara l-Belt Valletta fis-27 ta’ April 1999 u dana meta bil-vettura numru FBS 523 il-konvenut laqat il-Fiat Uno numru DAD 703, propjeta tal-attrici Paulette Psaila u li kienet assikurata b’polza comprehensive mas-socjeta

attrici, prevja dikjarazzjoni li l-konvenut kien responabbli ghad-danni msemmija.

Bl-ispejjes, komprizi Lm11.50c ta' ittra u konsult u bl-imghax minn notifika ta' dana l-avviz kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 4 tal-atti) u li biha eccepixxa bir-rispett:

1. Illi t-talbiet tal-atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u konsegwentement, ghandhom jigu michuda fl-intier taghhom, inkluz l-ispejjez, stante li l-konvenut ma kienx involuti f'ebda incident awtomobilistiku fid-data, fil-post u bil-vetturi indikati fl-avviz, kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi, kif jidher minn nota tal-eccezzjonijiet sottomessa mill-attur, hu qed jichad li kien b'xi mod involut f'dan l-incident u ghalhekk jkun opportun illi issir, l-ewwel nett, referenza ghall-provi prodotti mi-socjeta attrici nomine et.  Dawn kienu kif ser jinghad:

a) PS 1338 Emanuel Apap (fol 14 et seq ibid) li esebixxa, ukoll, kopja tar-rapport redatt minnu.  Minn dan id-dokument jidher li l-attrici kienet ghamlet dan ir-rapport fid-data indikata fl-avviz fit-7.45pm, u dan in rigward l-incident in esami li sehh fl-istess data bejn il-5pm u s-7pm.  L-istess kaz hu deskritt bhala 'hit and run' u 'unsolved'  u, bhala il-lokalita ta' fejn gara, hemm specifikat Triq l-Ordinanza fil-Belt, Valletta.  In rigward il-karozza tal-attrici din kienet tal-marka "Fiat Uno" ta' kulur "blue" u bin-numru DAD 703. L-istess attrici stqarret illi hi kienet parkegjat il-vettura taghha fit-Triq imsemmija u fil-gurnata in kwistjoni

ghall-habta tas-7pm, hi skopriet illi xi hadd mhux maghruf kien ikkaguna hsara fil-parti ta' quddiem, fuq il-'bonnett', il-'grille', il-fanal tax-xellug kif ukoll fuq il-'cover' li bih kienet, mghottija, l-istess karozza. L-istess rapport jkompli jghid illi, jumejn wara, l-attrici kienet marret fl-istess ghassa, akkumpanjata minn xhud okulari li tirrisjedi fil-vicinanzi u li kienet rat l-incident jsehh, cjoe Doris Anne Micallef. Din kienet stqarret li ghall-habta tat-3.30pm tad-data tal-istess incident, hi kienet fit-Triq in kwistjoni u kienet rat "… a light blue van with the advertisement of Mars on the side" liema 'van' indjetregga ('reversed') u laqat il-vettura tal-attrici u b'hekk giet azzjonata il-'burglar alarm' ta' din il-vettura. L-istess 'van' ma kienx waqaf izda nsaq lejn Triq ir-Republika. Fl-istess rapport hemm ukoll imnizzel illi l-konvenut kien effettivament jsuq 'van' bin-numru FBS 523, fil-lokalita in kwistjoni izda cahad li kien laqat xi vettura parkegjata. Jidher ukoll illi saret spezzjoni tal-''van' misjuq mill-konvenut u ma kienet instabet ebda evidenza ta' xi zebgha fuq il-'bumper' tal-istess 'van'. Inoltre meta l-istess PS 1338 Emanuel ossija Noel Apap kien mar fuq il-post tal-incident, kif jidher mix-xhieda tieghu,hu kien ra l-hsarat fuq il-vettura tal-attrici kif hemm fuq deskritta u spjega illi 'din kellha il-bonett ihares il-barra'. Inoltre ikkonferma li, jumejn wara l-incident kienet giet, fl-Ghassa l-imsemmija Doris Micallef, akkumpanjata mill-attrici, u l-istess xhud informat lix-xhud illi "… kienet rat karozza bin-numru FBS 523 liema karozza kienet laqtet lil dik ta' Paulette Psaila". Skond l-istess fizzjal tal-Pulizija, din ix-xhud kompliet tghid illi, peress li kienet semghet l-'alarm', gja msemmi, jdoqq, hi kienet harset u "B'hekk setghet tiehu n-numru tal-karozza li semmejt, FBS 523". Jigi notat illi l-istess xhud kien specifika illi ".. il-vettura ta' Fabri kienet 'van' u mhux karrozza"

b) Pauline Psaila, l-attrici (fol 22 et seq ibid) spjegat illi hi kienet ipparkeggat il-vettura taghha ta' kulur 'Capri blue" fl-imsemmija Triq xi granet qabel l-incident mal-bankina wiccha l-quddiem" "…. Faccata tal-Ambaxxata tal-Ordni ….", "… dahra mal-bankina, bil-faccata taghha il-barra (fish bone parking)" "in-naha ta' quddiem … thares lejn it-telgha ta' ma genb l-Ambaxxata ta' Ordni". Inoltre, kif kienet qed tfittex u tara jekk kienx hemm xi vettura ohra fl-inhawi li kellha daqqa ukoll kienet giet avvicinata minn

Dorianne Micallef li informatha illi ghall-haba tat-3.30pm, hi kienet rat ‘van’ kbir “.. tal-Mars” kulur celesti, li gie parkeggat quddiem il-karozza tal-istess attrici. “… irriversja u laqat il-vettura …” tal-istess attrici bil-‘bumper’ ta’ wara. Inoltre kienet innotat illi s-sewwieq tal-‘van’ kien “guvni … zghir u mibni”. Pero ma kienetx innotat in-numru tal-istess ‘van’. L-ghada fil-ghodu, hi kienet marret, akkumpanjata minn missierha u l-gharus taghha, ghand id-ditta ‘F Busuttil and Sons Ltd’. Hawnhekk, kienet ltaqghet mal-konvenut li ammetta li fil-hin u data indikati bhala dawk tal-incident in esami, hu kien fil-lokalita’ in kwistjoni sabiex jikkonsenja gelati, li kien ipparkegga quddiem karozzi ohrajn izda ma kienet laqat l-ebda wahda minn dawn. Inoltre, meta hi rat il-‘van’ in kwistjoni rat li fuq il-‘bumper’ ta’ wara kien hemm “….<u>ftit zebgha blu</u> bhal dik tal-karozza tieghi” minghajr ebda sinjal ta’ xi daqqa (ara ukoll ix-xhieda ta’ <u>Jesmond Bartolo</u> a fol 29 et seq ibid u ta’ <u>Paul Psaila</u> a fol 32 et seq ibid.

c) <u>Dorianne Micallef</u> (fol 26 et seq ibid) ikkonfermat, taht gurament, dak kollu li kienet rat u kif gja rappurtat aktar il-fuq. Pero’ hi specifikat li ma kienetx f’posizzjoni li taghraf minn kien is-sewwieq tal-istess ‘van’ in vista li ‘… kull ma rajt kien ftit wiccu’.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, meta xehed il-<u>konvenut</u> (fol 40 et seq ibid) dan spjega illi bejn is-2pm u t-3pm, hu kien qed juza “van blu tal-‘Mars’ “ sabiex jqassam xoghol fi stabilment li hu sitwat fil-vicinanzi ta’ fejn gara l-incident in kwistjoni.

Ghal dan il-ghan, kien ipparkegga l-istess ‘van’ f’Triq l-Ordinanza. Dwar dan, hu kompla jghid illi kien ipparkeggat bil-genb tieghu, tax-xellug man-naha ta’ wara ta’ vetturi ohrajn il-boghod minnhom xi metru jew tnejn, weqfin angolati mal-bankina u b’ “wicchom mal-hajt”. Hu dam hekk madwar siegha sakemm hatt u ikkonsenja l-merkanzija kollha. Meta sar dan, hu kien sab li kien hemm zewg vetturi ohra b’wahda wieqfa quddiemi u l-ohra warajh “… tant li ma stajtx insuq l’hemm”. Pero, s-sewwieq tal-vettura wieqfa quddiem il-‘van’ tieghu kien ghadu fuq il-post u ghalhekk, minghajr il-htiega, li

jindjetregga, seta' jsuq l'hemm. Fl-ahhar nett, il-konvenut sostna li fuq il-'van' uzat minnu ma kien hemm ebda evidenza ta' xi habta.

Ikkunsidrat

Illi dawn huma l-provi kollha migjuba a konjizzjoni ta' din il-Qorti in konnessjoni mar-responsabilta o meno tal-incident in esami u wara li gew meqjusa l-istess provi il-Qorti tara li:-

a) trattasi ta' kawza civili, hi trid tkun sodisfatta illi dak li gie allegat mis-socjeta attrici nomine et gie pruvat a sodisfazjoni taghha fuq basi ta' probabilta' ("aktarx iva milli le"). Dwar dan il-punt, jkun opportun illi jinghad illi l-obbligu tal-prova ta' fatt jmiss dejjem lil minn jallegah (ara l-artikolu 563 tal-Kodici tal-Procedura).
b) Fil-kaz in desamina, ma jidhirx li hemm kontestazzjoni dwar il-fatt illi fid-data u fil-hin tal-incident il-konvenut kien jinsab fil-lokalita' fejn dan gara u kien parkeggat kif deskritt fl-istess xhieda tieghu.
c) Dwar ix-xhud principali, f'dan il-kaz, ossija Dorianne Micallef, din fil-fehma, tal-Qorti xehdet, b'mod car, li kienet rat 'van' li jikkorispondi ghad-deskrizzjoni ta' dak li kien qed jintuza mill-konvenut, jahbat mal-karozza tal-attrici waqt li kien qed jesegwixxi manuvra billi jindjetregga l-istess 'van'. Ta' minn jinnota illi ma ingieb ebda element a konjizzjoni ta' din il-Qorti sabiex jista' minimament jigi dubitat illi l-istess Dorianne Micallef kienet sostanzjalment, qed tixhed dak li attwalment gara f'dan il-kaz.
d) Ghalhekk, il-Qorti hi sodisfatta illi kien il-konvenut illi ikkaguna l-hsarat fil-karozza tal-attrici billi esegwixxa manuvra kif hawn fuq deskritta b'nuqqas tad-debita attenzjoni rikjesta minnu.

Ikkunsidrat

Illi in rigward il-'quantum' ta' hsarat, li ma giex kontestat, issir referenza ghad-dokumenti a fol 43 sa fol 49 tal-istess atti minn fejn jirrisulta illi l-ammont pretiz fl-avviz, skond kif hemm maqsum, hu gustifikat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u:

1. tiddikjara lill-konvenut bhala unikament responsabbli ghall-incident in esami minhabba negligenza fis-sewqan da parti tal-istess konvenut;
2. tillikwida l-ammont totali ta' danni fis-somma ta' Lm360.68,0;
3. tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lis-socjeta attrici nomine s-somma ta' Lm305.68,0 u lill-attrici s-somma ta' Lm55.00,0 bl-imghax legali mis-sebgha (7) ta' Settembru 1999 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk ta' ittra u konsult ammontanti ghal Lm11.50,0

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------